# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018**

**Numru 3**

**Ċitazzjoni numru 1309/03 FS**

**Edward sive Teddie Borg u martu Roselle Borg Pulis ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Albert Schembri u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2005 is-soċjeta` Elmo Insurance Limited intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis***

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tas-soċjeta` intervenuta fil-kawża Elmo Insurance Ltd mis-sentenza tal-25 ta' Frar 2013 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti sabiex :

(i) tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu:

- ikkonsidrat il-qliegħ tal-attur fl-ammont ta' €6,300

- applikat multiplier ta' 6 snin,

- naqqset 9% stante l-lump sum payment, u

- llikwidat *arbitrio boni* viri d-damnum emergens fl-ammont ta' €500

(ii) tvarja s-sentenza appellata in kwantu ġie applikat perċentwali ta' debilita` permanenti fil-grad ta' **<u>6%</u>**, u minflok taddotta perċentwali ta' debilita` permanenti fil-grad ta' **<u>3%</u>**, kif riskontrat mill-periti addizzjonali.

Bl-ispejjeż ġudizzjarji a karigu tal-atturi appellati.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

**"A. CITAZZJONI:**

"Rat ic-citazzjoni tar-rikorrenti li biha ippremetta:

"Illi fl-1 ta' Ottubru 2001 waqt li r-rikorrenti kien ghaddej bil-vettura proprjeta` tieghu numru ta' registrazzjoni CBB 728 f'*Regional Road*, Msida, hu kien involut f'incident stradali meta l-konvenut li kien qed isuq it-*truck* bin-numru ta' registrazzjoni KAO 357 baqa' diehel fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa mill-attur, li bid-daqqa baqghet diehla fil-vettura ta' quddiemha numru ta' registrazzjoni GVH 419 misjuqa minn Vincent Gerada, u dan skond ma jirrizulta mir-*'road accident report'* u l-iskizz li gie anness mac-citazzjoni u mmarkati bhala Dokument A.

“Illi minbarra l-hsarat li gew kagunati fil-vettura numru ta’ registrazzjoni CBB 728, l-attur sofra danni ingenti fuq il-persuna tieghu b’rizultat ta’ dan l-incident, kif jirrizulta ahjar mir-rapport mediku anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument B.

“Illi dan l-incident stradali sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperitia u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, u dana kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Illi l-konvenut gie nterpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrenti izda baqa’ inadempjenti.

“L-atturi talbu lill-Qorti:

"1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident stradali li fih safa korrut l-attur fl-1 ta’ Ottubru 2001.

"2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur minhabba dan l-incident u dana okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

"3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

“Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficcjali tas-7 ta’ Dicembru 2001 u tat-13 ta’ Novembru 2003, kif ukoll tal-ittra ufficcjali li qed giet pprezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti (fosthom l-okkorrenza tal-Pulizija u skizz [fol 8], kif ukoll certifikat rilaxxat minn Mr. Charles Grixti [fol 9 sa 11] – 12%) prezentati mill-attur.

**"B. ECCEZZJONIJIET:**

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-intervenuta fil-kawza s-socjeta` Elmo Insurance Limited [C3500] li biha eccepiet:

"1. **<u>In linea preliminari</u>**, l-azzjoni attrici hija intempestiva, irrita u nulla ghaliex l-attur odjern Edward *sive* Teddie Borg diga’ ppropona fil-vesti ta’ ko-attur azzjoni ta’ l-istess natura ghal danni naxxenti mill-istess incident u bl-istess kawzali li kienet intavolata qabel dik odjerna liema kawza qed tinstema’ minn din il-Qorti diversament presjeduta. Il-kawza in kwistjoni hija “**Fenici Insurance Agency Limited noe et vs Albert Schembri et**” [Citazz. Nru. 987/2003/GV] [Dok. C] kienet intavolata fis-26 ta’ Settembru, 2003 u tinsab differita ghall-udjenza tat-28 ta’ Frar, 2005. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-azzjoni odjerna, din il-Qorti ghandha tillibera l-partijiet l-ohra fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes gudizzjarji jkunu a kariku ta’ l-atturi.

"2. **<u>Fil-mertu</u>**, dwar l-ewwel talba ta' l-atturi, Elmo Insurance Limited tirrimetti ruhha ghall-provi dwar l-incident awtomobilistiku *de quo* kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"3. Fil-rigward tat-tieni talba ta' l-atturi u **<u>bla pregudizzju ghall-premess</u>**, jinkombi lill-atturi, specjalment lill-attur Edward *sive* Teddie Borg, l-oneru li jipprova skond il-ligi li l-griehi li sofra fil-persuna tieghu [deskritti fid-Dok. B] kienu <u>attwalment u direttament</u> naxxenti mill-incident *de quo* u mhux attribwibbli jew derivanti minn kundizzjoni mediku li kellu l-imsemmi attur pre-esistenti u antecedenti l-incident *de quo*.

"4. **<u>Bla pregudizzju ghall-premess</u>**, isegwi li t-tielet talba attrici tkun ammissibbli fil-kaz biss li fil-mertu l-atturi jippruvaw skond il-ligi li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku *de quo*.

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

"Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` Elmo Insurance Limited.

"Rat li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat skond il-ligi, baqa' kontumaci.

"Rat l-atti kollha tal-kawza.

"Semghet lix-xhieda bil-gurament.

"Semghet l-abili difensuri.

"Ikkunsidrat

**"C. PROVI:**

"Mix-xhieda ta' l-attur <u>Edward sive Teddie Borg</u> jirrizulta li fl-1 ta' Ottubru, 2001 kien qed isuq il-karozza Mercedes CBB728 f'Regional Road, Msida ghall-habta ta' 8.30 a.m. u minhabba t-traffiku naqqas il-velocita` u waqaf wara l-vettura ta' quddiemu li kienet Mitsubishi u dan fil-karreggjata ta' barra. Kien hemm trakk li gie minn warajh b'elocita` qawwija, dahal fil-vettura tieghu bis-sahha minn wara, hassu jintrefa' mis-*seat* u habat rasu mas-saqaf. Biex johrog mill-karozza kellhom jigu tas-*Civil Protection* biex qatghu l-vetura u harguh minnha. Hass ugigh kbir f'ghonqu u ttiehed bl-ambulanza fid-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa. It-trakk li dahal fih kien trakk tal-*heavy goods* KAO357 misjuq mill-konvenut Albert Schembri. Semma li in segwitu ta' l-incident il-konvenut kien talbu biex jghid li kien hemm id-*diesel* mal-art u b'hekk gara l-incident izda hu rrifjuta. Il-vettura li kien qieghed isuq hi registrata f'isem is-socjeta` Sun Power Catering Limited u giet meqruda kompletament, izda gie mhallas mill-assikurazzjoni dwar dan. Fid-data

ta’ l-incident kellu 65. Hallas Lm250 ghal diversi viziti ghand Mr. Grixti u tobba ohrajn izda m’ghandux ricevuti. Ibati biex jorqod minhabba l-ugigh f’ghonqu. Semma li ghandu bzonn fizjoterapija darbtejn fil-gimgha meta kull sessjoni tqum Lm8 u jonfoq Lm6 fix-xahar bhala *painkillers*.

“In kontro-ezami semma li qabel l-incident lit-trakk rah distanza ta’ tliet tulijiet ta’ l-awla gej bi *speed* go fih. Qabel l-incident ma ra eba diesel fit-triq.

“Xehed Vincent Gerada li semma li fl-1 ta’ Ottubru, 2001 kien qed isuq il-vettura GVH-419 li kienet vettura tal-Gvern u kien ghaddej minn *Regional Road* ghadu kif hareg mill-ewwel *tunnel* sejjer fit-tieni *tunnel* fid-direzzjoni lejn il-Marsa. Kienu qed jersqu lejn *Psaila Street*. Sema’ habtiet izda t-tieni wahda kienet fuqu. Id-daqqa taghtielu karozza *Mercedes* misjuqa minn Teddie Borg. Warajh kien hemm *truck* tal-gebel illi milli jidher kien dahal fih u nfatti jaf li kellu xi daqqa fuq in-naha ta’ wara.

“Wara d-daqqa kien ra lil Borg jokrob fil-karozza. Kienu gew tas-*Civil Protection* u qatghu s-saqaf tal-vettura biex b’hekk hareg Borg. Il-gurnata kienet wahda normali u ma kienx hemm xita. It-triq kienet normali izda kien hemm xi likwidu fiha ghalkemm possibbilment kien fuq il-*lane* ta’ gewwa.

“Xehed PS 1373 John Micallef u semma li kien investiga l-incident *de quo*. Semma li z-zejt kien ikkawza l-kollizjoni u li d-*driver* tat-trakk kien qallu li ghafas il-*brakes*, id-diesel gie f’kuntatt mar-roti u l-vettura ma zammitx. Esebixxa rapport u skizz u semma li d-driver tal-Mercedes kien spicca l-isptar, liema Mercedes kellha s-saqaf maqtugh biex johrog id-*driver*. Semma li t-triq kien fiha telgha. Il-vetturi kienu qeghdin fl-*outer lane* u kien ra 35 *meters of diesel spill*. Kien tat-trakk biss li semmielu d-diesel. Il-kwantita` ta’ *diesel* li kien hemm ikkawza zlieq.

“Gie prezentat affidavit tal-konvenut Albert Schembri li rrefera ghall-incident. Semma li kien hemm serbut ta’ karozzi fiz-zewg *lanes*, jieqfu u jsuqu wahda wara l-ohra. Kien ghaddej fil-*lane* ta’ barra. Sostna li kien ghaddej bil-mod u t-trakk kien vojt izda tqil seba’ (7) tunnellati. Sostna li hu skiddja fuq ta’ quddiemu ghalkemm kien izomm distanza ta’ karozza ’l boghod minn ta’ quddiemu. It-tliet vetturi involuti fil-habta kienu kollha fil-*lane* ta’ barra.

“Meta nizel mit-trakk sab li kien hemm id-*diesel* imferrex fit-triq. Sema’ lil Teddie Borg jokrob. Meta waslet l-ambulanza Teddie Borg baqa’ jinsisti lima jcaqalquhx minn fuq is-*seat* minhabba l-ugigh li kellu f’dahru. Ghalhekk gew tal-Protezzjoni Civili u harguh mis-saqaf bis-seat b’kollox. It-trakk huwa bil-*power brakes*.

“In kontro-ezami Albert Schembri semma li meta ghafas il-*brakes* it-trakk aktar gera u skiddja. Dwar il-velocita` li kien ghaddej biha qabel

l-incident semma li madwar 10 mili fis-siegha. Sostna li fil-fehma tieghu d-daqqa ma kenitx kbira hafna.

"Rat li fl-20 ta' April, 2005 gie nominat Mr. Ivan Esposito bhala espert mediku.

"Mr. Esposito irrefera ghall-istorja medika u fiha dikjara li l-attur qatt ma kellu problemi bl-ghonq.

"Rat ir-rapport ta' Mr. Ivan Esposito li fih semma:

> ""Edward Borg sofra '*hyperflexion/extension injury'* ta' l-ghonq fl-incident ta' l-1 ta' Ottubru, 2001. Ghadu jbati l-konsekwenzi ta' dan l-incident sa' llum. Huwa wkoll beda jsofri minn *tendinite* fl-ispalla tal-lemin. Lanqas din ma tjiebet bit-trattament li nghata. Is-simptomi li qed ihoss minn ghonqu qed jikkagunaw kompressjoni fuq nerv li jinzel fid-driegh tal-lemin. Dan kellu konsegwenzi serji fil-hajja ta' kuljum tas-Sur Borg. Huwa ma jistax iqatta' hinijiet twal f'puzizzjoni wahda kemm bil-wieqfa jew bil-qieghda. Ghalhekk xogholu bhala *prodjuser* ta' programm fuq it-televixin. Apparti hekk ghandu wkoll problemi biex jaghmel attivitajiet ta' kuljum. Ghandu problemi biex jorqod u juza sa erbat imhadet. Studji li saru juru li f'kazi bhal dawn wara hmistax-il sena aktar minn erbghin il-mija ta' pazjenti jibqghu jsofru minn simptomi (**Bannister & Gargan**). Ghalhekk jien ta' l-opinjoni li s-sur Borg ghandu dizabilita` permanenti ta' hmistax fil-mija (15%).""

"Rat li fis-26 ta' Mejju, 2008 Mr. Frederick Zammit Maempel, Mr. Massimo Abela u Mr. Ray Gatt gew nominati bhala periti medici addizzjonali.

"Rat ir-rapport tal-periti medici addizzjonali li fih semmew:

> ""Ahna ezaminajna lis-sur Borg tmenin xahar wara l-incident. Ma hemmx dubju li Borg kellu artrite qawwija f'ghonqu qabel l-incident; dan naslu ghalih mid-dehra radjologika ta' l-irkiekel t'ghonqu. L-ezami kliniku taghna wera ugiegh fuq l-ewwel disa' rkiekel u fuq l-ahhar tlettax-il rukkell. Wera dak li nsejjhulu '*voluntary release'* ta' kull grupp ta' muskoli ezaminati. Wera nuqqas ta' hass b'tajjara fid-driegh leminij fid-distribuzzjoni ta' tliet *'dermatones'* u fi tnejn tar-rigel leminij. Din il-pluralita` ta' ugiegh fl-irkiekel u fid-*dermatones* tissuggerixxi kontribut soggettiv. L-ezami kliniku wera ftit li xejn xhieda oggettiva ta' nuqqas ta' funzjoni. Ahna tal-fehma li s-sintomi li Borg jilmenta minnhom huma principalment dovuti ghall-artrite qawwija f'ghonqu. L-iskoss qawwi li garrab seta biss jawmenta l-istess artrite (li kienet diga' tezisti) u s-sintomi relatati maghha. Fil-fehma taghna, Teddy Borg garrab dizabilita` permanenti stmata ta' 3% (tlieta fil-mija) bhala rizultat ta' l-incident ta' l-1 ta' Ottubru 2001.""

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***<u>D1. Fatti tal-Kaz:</u>***

"Il-kaz de quo jirreferi ghal ilment ta' l-attur li qed isofri minn debilita` permanenti bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fl-1 ta' Ottubru, 2001 f'Regional Road, Msida meta l-konvenut Albert Schembri li kien qed isuq trakk KAO357 baqa' diehel fuq il-vettura li kienet qed tinstaq mill-attur tal-marka Mercedes li in segwitu baqghet diehla go terza vettura. Il-kawza tirreferi ghad-danni personali minhabba li l-mertu tal-hsarat fuq il-vettutra kien gie ezaminat u deciz permezz ta' sentenza ohra fil-kawza 987/2003GV.

"***<u>D2. Responsabbilta` ta' l-incident:</u>***

"Il-Qorti thoss li ghamlet referenza sufficjenti mid-depozizzjonijiet kwotati biex tasal ghall-konkluzjoni tar-responsabbilta` ta' l-incident li manifestament huwa responsabbli ghalih il-konvenut. Taghmel referenza wkoll ghas-sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, Imhallef Valenzia tat-28 ta' April, 2006 (987/2003GV) u ta' l-istess kawza fl-istadju ta' l-Appell tat-28 ta' Novembru, 2008. F'dik il-kawza riferibbli ghall-istess kollizjoni l-Prim'Awla kienet iddikjarat lill-konvenut Schembri unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku (ara fol 92) liema responsabbilta` giet konfermata mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fol 158. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Novembru, 2008 fl-ismijiet **Fenici Insurance Agency Limited *et* vs Albert Schembri *et*** inghad:

""Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut Schembri kien, fi kliemu stess, qed isegwi serbut karozzi fiz-zewg *lanes*, jieqfu u jsuqu, wahda wara l-ohra, bil-mod. Hu kien ghaddej wara traffiku iehor li kien ghaddej bil-mod u ghalhekk kien jaf li t-traffiku ta' quddiem setgha f'kull mument jerga jieqaf ghalhekk il-fatt li ma waqafx tempestivament ifisser li hu ma kienx qed izomm proper look out u distanza sufficjenti boghod minn ta' quddiemu a paragun ta' l-ispeed li kien ghaddej bih. Kontra dak li xehed Schembri, li hu kien ghaddej bil-mod, Edward Borg jghid li meta waqaf hu hares mill-mera u ra t-truck ta' Schembri gej lejh b'sahhtu u qal li dan kien gej ghal go fih u fil-fatt baqa' diehel fih, hass daqqa kbira u sab ruhu mghaffeg bejn is-seat u l-isteering u wara hassu hazin.

""Schembri jghid ukoll li t-truck ma zammx ghax *diesel of the road was in contact with truck wheels and instead of stopping, dashed straight into Borg's car* (ara okkorrenza).

""Sewwieq mhux skagjonat mir-responsabilita' ghad-danni ghas-semplici fatt li fit-triq li minnha kien ghaddej kien hemm xi zjut, kemm il-darba jirrizulta li kieku hu zamm a proper look out kien ikun jista' jevita tali zjut (P.A. **L. Pavia *noe* vs Carmen Borg** 11 ta' Ottubru 2002).

""Gie ritenut mill-Qrati taghna li f'materja ta' SKID il-principju regolatur ma jistax ikun hlief li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabilita` nonostante li skid. Jekk ma tirrizultax, allura li skid hija defence, ghax tkun inevitable accident. Ghaldaqstant biex d-difiza ta' skid tirnexxi jehtieg li d-driver jipprova mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid saret bl-ebda tort tieghu u li

huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq (**Pul vs C. Cachia** Vol 37 p4 p 920).

"Ghalhekk Schembri kellu jipprova

"· "mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq,

"· "imma wkoll li l-iskid saret bl-ebda tort tieghu

"· "u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq.

""Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-triq minn fejn kienu qed isuqu l-karozzi kien hemm *patches* ta' *diesel* li fil-maggjor parti kien fuq il-*lane* ta' gewwa u kien hemm xi patches zghar fil-*lane* ta' barra – kien hemm diesel quddiem il-karozza ta' Gerada u *diesel* taht it-*truck* tal-konvenut Schembri.

""Jirrizulta pero`, u hu ammess minn Schembri, li f'dak il-hin kien hemm serbut ta' karozzi li kollha kienu ghaddejin mill-istess triq u hadd minnhom ma skiddja hlief it-truck tal-konvenut Schembri. Ghal xi raguni Schembri skiddja, imma dan gara mhux ghax hu ma kellux jinduna bid-*diesel* kieku kien qed isuq b'mod prudenti, imma ghal xi raguni, jew minhabba speed qawwi (ara xhieda ta' Borg) jew ghax ma kienx qed izomm *proper look out* u distanza sufficjenti boghod minn ta' quddiemu, Schembri kellu jibbrekja f'daqqa u skiddja. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li Schembri ma hax il-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq, u kien hemm negligenza antecedenti li wasslet ghall-iskid.""

"***D3. L-effetti tas-surroga fil-kawza 987/2003:***

"Izda l-intervenuta fil-kawza issollevat l-aspett tas-surroga u interess guridiku ta' l-attur. Sostniet li fil-kawża fl-ismijiet **Feniċi Insurance Agency Limited *noe et* vs Albert Schembri *et*** [Citazz. Nru. 987/2003 GV], l-atturi kienu Fenici Insurance Agency Limited….u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Edward Borg f'ismu proprju…taħt polza tat-tip *comprehensive* u tal-Liġi. A bazi ta' dan l-intervenuta insistiet li s-surroga kienet ghad-drittijiet kollha ta' Edward Borg sofferti mill-assikurat tagħha l-attur Edward Borg f'ismu proprju. Irreferiet ghad-decizjonijiet fil-kawzi fl-ismijiet **Hugh Zammit *noe* vs Joseph Spiteri**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru 1993; **Edgar Galea *noe* vs John Tanti**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 16 ta' Diċembru 1991. L-intervenuta irrefriat ghall-artikolu 1166 (c) tal-Kap 16 u insistiet li hekk kif isir il-ħlas mis-soċjeta` ta' l-assigurazzjoni lill-assigurat tagħha, l-assigurat jitlef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu. Irreferiet ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc mogħtija fil-25 ta' Novembru, 1929 fejn din iccitat lill-**Vivante** li *l'assicurato che fu risarcito del danno non ha piu azione contro il colpevole perche` non ha alcun interesse di far valere contro di lui.*

"Izda l-Qorti ma tistaq taqbel ma' dan ir-ragunar minhabba li l-attur odjern ta' surroga lis-socjeta` Fenici Insurance Agency Limited ghall-iskop tad-danni kawzati mit-telf tal-vettura. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li hu ta s-surroga ghad-danni personali wkoll. Huwa veru li jekk int taghti surroga ma tistax fuq l-istess haga tipprocedi b'azzjoni ghax tkun qed tithallas darbtejn u taghmel qligh doppju. Li kieku fil-kawza odjerna l-attur qieghed jerga' jitlob il-hlas ghall-vettura, certament li l-intervenuta kien ikollha ragun minhabba li bis-surroga l-assikurazzjoni takkwista titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assikurat b'mod li l-assikurazzjoni tissubentra fil-pozizzjoni identika *di fronte* ghad-danneggjant (ara **Untours Insurance Agents Limited vs Salvatore Zarb, Appell Civili Inferjuri, Imhalef Philip Sciberras**, 20 ta' April, 2005). Izda fil-kaz in ezami Fenici Insurance agency Limited giet surrogata ghall-iskopijiet tad-danni fil-vettura.

"***D4. Lucrum cessans:***

"L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

> ""Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.""

"Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

"***D5. Multiplier:***

"Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

""Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

"Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:

> ""f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat.""

"Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:

"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

"Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

"Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs**

**Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

"Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

"Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

"Il-perjodu tal-*multiplier* għandu dejjem jigi kunsidrat li jibda jiddekorri mid-data ta' l-incident. Id-danni necessarjament jigu likwidati wara l-incident. Il-Qorti għandha tfittex li tqieghed lid-danneggjat kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-incident.

"L-attur kellu hamsa u sittin (65) sena meta sehh l-incident.

"Fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Joseph Galea *et* v Charles Fenech *pro et noe et***, fejn fil-kaz ta' ragel ta' erbgha u sebghin (74) sena li kien, bhal fil-kaz odjern, involut f'incident stradali u sofra dizabilita` ta' 5%, dik il-Qorti adottat *multiplier* ta' tmien (8) snin. Fis-sentenza deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Lulju, 2002 [Citazz. Nru. 326/98GV fl-ismijiet **Saviour u Violet Sammut vs Robert Demanuele**], il-Qorti imxiet fuq *multiplier* ta' 8 ghal mara ta' 65 sena. Fis-sentenza deciza

minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Jannar, 2004 fl-ismijiet **Amabile Azzopardi vs Anthony Xuereb** [Citazz. Nru. 1123/91 DS], il-Qorti adottat *multiplier* ta' 8 ghal ragel ta' 62 sena.

"Illi din l-Qorti kif presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuel Borg *et* vs Malta Freeport Terminals *et*** kienet ikkunsidrat illi hemm bzonn ta' certu uniformita` fl-aspett tal-*multiplier* li huwa meħtieġ sabiex wieħed ikun jaf minn qabel kriterji regolari li għandhom jiġu applikati għal kull każ ipproduċiet skeda dwar il-*multiplier* li għandu jiġi adoperat. Minkejja li wieħed għandu jħares lejn iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tali skeda hija indubbjament ta' utilita' kbira għall-iskopijiet prattiċi ta' determinazzjoni tal-*multiplier*.

"Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 65 tqis li ghandha tadopera ***multiplier* ta' 6 ghall-kaz in ezami**. Din tista' tidher stramba meta l-incident gara fl-1 ta' Ottubru, 2001 u s-sentenza qedgha tinghata llum izda wiehed irid iqis li l-attur dam sentejn biex fetah il-kawza u kien hemm hafna dewmien minhabba dak li inqala dwar l-esperti medici. Izda din dejjem trid tinhadem fuq il-bazi tal-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma fil-mument tal-incident – ara **Middlesea Insurance Ltd vs. Psaila Stuart**[1] u **Zahra Emanuel vs Vassallo Patrick** P.A. (Imh N. Cuschieri) 8 ta' Ottubru, 2004 u **Gauci Raymond Pro et Noe vs. Galea Christopher** P.A. (Imh R Pace) 26 ta' April, 2001 u **Saliba Sammut Alexandra et vs. Attard Joseph** P.A (Imh R Pace) 25 ta' Jannar, 2001 fejn intqal:

> ""in-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tal-vittma tal-incident u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-'chances and changes' tal-hajja"."

"Naturalment f'aspett suggettiv ikun hemm aktar varjazzjoni mill-mod kif wiehed ihares lejn dan u b'hekk l-attur issuggerixxa 9 waqt li l-intervenuta 4 bhala multiplikand.

"***D6. Qligh ta' l-attur:***

"Naturalment is-salarju gross huwa ta' importanza fundamentali sabiex il-Qorti tasal għall-konklużjoni dwar kemm huwa dovut in linea ta' danni. F'kaz ta' self employed dan jiddependi minn fatturi ohra izda l-qorti dejjem taghzel li toqghod fuq l-FS3.

"Il-Qorti tosserva wkoll li persuna li hi pensjonanta xorta għandha s-setgha li jahdem, u din is-setgha għandha wkoll valur ekonomiku. Fil-kawża fl-ismijiet **Azzopardi Amabile vs Xuereb Anthony** P.A. (Imh. D. Scicluna) 14 ta' Jannar 2004 din il-Qorti stmat tali valur daqslikieku kien bħal paga minima nazzjonali (ara wkoll **Francis Farrugia vs David Darmanin** P.A. (Imh. R. Pace) 21 ta' Marzu, 2002).

"Issa l-attur ma esebixxa ebda FS3 jew dokumenti ohra in sostenn ta' dak li jaqla'. Għalhekk l-bażi li fuqha għandu jinħadem is-salarju tal-attur Edward *sive* Teddie Borg huwa dak tal-paga minima nazzjonali dakinhar ta' l-inċident, u cioe` dak ta' €116.19 fil-ġimgħa (skond SL 452.71 National Minimum Wage tandard Order). Għaldaqstant, il-paga annwa bażi għandha tiġi kkomputata a bażi ta' €6,041.88. Madanakollu l-qorti obbligata li izzid ma' dan awment minhabba l-gholi tal-hajja, u b'hekk tistabbilixxi l-figura ta' €6300.

"***<u>D7. Dizabilita`:</u>***

"Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:

> ""Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib.""

"Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

"Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:

> ""l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn""

"U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

"Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:

> ""Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja.""

"Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi

kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

"It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:

> ""*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";"

"*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :

"a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),

"b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),

"c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

"Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:

> ""Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... ""

"Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:

> ""izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat.""

"Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

"F'dan il-kaz, il-kirurgu Charles Grixti, inkarigat mill-attur, stabbilixxa dizabilita` permanenti ta' 12%. L-espert mediku nominat minn din il-Qorti, Ivan Esposito, stabbilixxa grad ta' debilita` permanenti ta' 15%. Is-socjeta` intervenuta fil-kawza talbet il-hatra ta' periti medici addizzjonali (Mr. Frederick Zammit Maempel, Mr. Massimo Abela u Mr.

Ray Gatt), u dawn irrelataw li l-attur qed isofri minn dizabilita` permanenti ta' 3%.

"Fil-kors tal-kawza l-Qorti esprimiet li "tinsab serjament preokkupata ghaliex fir-rapport originali inghata 15% waqt li fl-addizzjonali inghata 3%, u l-Qorti ghandha l-obbligu li taghmel kif fil-fatt sejra taghmel, ezami ghaliex din id-divergenza u mhux sejra tillimita ruhha b'ebda mod biss ghal eskussjoni tal-periti, izda qed taghmilha cara li tirriserva li tipprovdi ulterjorment wara li jkollha quddiemha l-provi kollha, tisma' individwalment lill-erba' (4) esperti jew possibbilment anke kollettivament, kif ukoll li ghalkemm mhux provvdut specifikament fil-Kodici ghal esperti ohra, tirriserva li tiehu l-pariri opportuni jekk ikun il-kaz."

"Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li hemm bzonn ta' regolamentazzjoni ta' din il-kwistjoni. F'Malta ma ssibx esperti kemm trid u spiss il-Qorti tiltaqa' ma' din il-problema fejn il-vittma jkun ikkonsulta espert jew tnejn; wara l-qorti tinnomina espert iehor; meta ssir talba ghall-esperti addizzjonali spiss ma jkunx ghad fadal esperti bizzejjed. Min-naha l-ohra thoss li espert meta jidhol ghal bicca xoghol bhal din, anke jekk ma jkunx ezamina l-kaz partkolari ghandu jsemm jekk fl-ahhar hames snin hu kienx gie imqabbad minn xi parti fuq xoghol iehor. Il-gustizzja trid mhux biss ssir izda anke tidher li qed issir.

"Il-Qorti qrat ripetutament dak li kitbu l-espert; irriflettiet fit-tul inkluz il-konsegwenzi ta' alterazzjoni tar-rapport ta' esperti medici addizjonali, konxja ta' kemm talbiet simili sejra tiltaqa' maghhom fil-futur, izda ma tistax semplicement toqghod biss fuq l-ahhar rapport u tinjora qisu xejn z-zewg esperti l-ohra. Ezaminat anke l-obbligu ta' astensjonijiet u talbiet ghar-rekuza izda li dawn necessarjament iridu jsiru fil-bidu tal-kawza jew nomina. Irriflettiet fit-tul li l-esperti mhix qedghin jaslu ghall-konkluzjonijiet taghhom tant fuq kriterji oggettivi izda fuq konsiderazzjonijiet totalment soggettivi u dipendenti fuq id-diskrezzjoni tal-espert mediku, li ma jistghux jigu kontrollati. Ma hemmx xi amputazzjoni ta' parti mill-gisem, telf ta' ghajn jew mankament simili li wiehed jista' facilment jirriskontrahom. Ghalhekk hu ferm aktar importanti li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma tkunx imtappna b'xi dubji, ghaliex fil-verita` provi tangibbli li tali diskrezzjoni ma tkunx qed tigi ezercitata sew hu kwazi impossibbli li jingiebu – ghalkemm li jkollok divergenza massicca fir-rata ta' dizabilita` hi indikatur li jippreokkupak. Il-Qorti ghamlet kunsiderazzjonijiet bazati anke fuq principji ta' Statistika u Matematika.

"**Meta ikkunsidrat u irriflettiet fuq il-fatturi kollha thoss li ghandha tapplika bhal grad ta' dizabilità fizika permanenti globali fil-grad ta' sitta fil-mija (6%).**

"***<u>D8. Lump Sum Payment:</u>***

“L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b’ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta’ Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta’ Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta’ dewmien. Gie wkoll propost li m’ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:

> ““jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m’ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*” – **Agius vs Fenech** 29 ta’ Ottubru, 2003.””

“Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f’**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f’**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

“Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fl-1 ta’ Ottubru 2001 u s-sentenza qed tinghata hdax il-sena u nofs wara minhabba li giet intavolata wara sentejn mill-incident u minhabba l-problemi li qamu dwar l-esperti medici. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta’ 9%.</u>

“***<u>D9. Likwidazzjoni ta’ l-ammont ta’ lucrum cessans:</u>***

“Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

"I. Il-<u>qligh medju annwali</u> ta’ l-attur [€6300] <u>inkluz l-gholi tal-hajja.</u>
"II. Irid jitqies *<u>multiplier</u>* ta’ 6. Dan igib l-ammont ta’ €37800;
"III. Il-Qorti trid tqis il-<u>grad ta’ disabilita`</u> li f’dan il-kaz hu ta’ 6% u ghalhekk jammonta ghal €2268;
"IV. Wara jrid jitnaqqas 9% tal-*<u>lump sum payment</u>* u dan iwassal ghal bilanc ta’ €2063.88;

“***<u>D10. Damnum emergens:</u>***

“l-attur jinsisti li kawza ta’ l-incident bhala *damnum emergens* sofra madwar Lm250 ghal diversi viziti ghand Mr. Charles Grixti u tobba ohrajn, kif ukoll Lm8 ghal kull sessjoni fizjoterapija u jsemmi darbtejn fil-gimgha fizjoterapija. Isemmi wkoll *painkillers* ammontanti ghal Lm6 fix-xahar, izda stranament l-attur ma jipproduci ebda ricevuta bhala prova ta’ dawn, u ghalhekk minghajr dawn ir-ricevuti l-Qorti tista’ tasal biex *arbitrio boni viri* takkorda s-somma ta’ €500.

"Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma' dak dovut bhala *Damnum Emergens*, dan iwassal ghall-ammont ta' €2563.88.

"Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 6300 |
| Multiplier | M | 6 |
| Lump sum payment | L | 9 |
| Dizabilita` | D | 6% |
| | | |
| Amount due | | €2563.88 |
| | | |

"**E. KONKLUZJONIJIET:**

"Dwar l-eccezzjoni ta' l-intervenuta li l-azzjoni attrici hija intempestiva, irrita u nulla ghaliex l-attur odjern Edward *sive* Teddie Borg diga' ppropona fil-vesti ta' ko-attur azzjoni ta' l-istess natura ghal danni naxxenti mill-istess incident u bl-istess kawzali li kienet intavolata qabel dik odjerna liema kawza qed tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta. Il-kawza in kwistjoni hija "**Fenici Insurance Agency Limited *noe et* vs Albert Schembri *et***" [Citazz. Nru. 987/2003/GV] [Dok. C] kienet intavolata fis-26 ta' Settembru, 2003 il-Qorti fuq gja cahdet din l-eccezzjoni ghax il-kawza l-ohra tirreferi ghall-ispejjes tal-vettura waqt li fil-kawza *de quo* it-talbiet jirreferu ghal-*lucrum cessans* u *damnum emergens*. Ara wkoll **D3** hawn fuq.

"Tichad l-eccezzjoni ibbazata fuq ir-responsabbilta` ta' l-incident minhabba dak li intaqal f'**D2** hawn fuq.

"Tirreferi ghall-D4 sa D9 hawn fuq u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra.

"Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident stradali li fih safa korrut l-attur fl-1 ta' Ottubru 2001.

"Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur minhabba dan l-incident fl-ammont ta' €2563.88 .

"Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

"Spejjez kontra l-konvenut".

**<u>Rikors tal-appell tas-soċjeta` intervenuta fil-kawża Elmo Insurance</u>**

**<u>Ltd (10.03.2014):</u>**

3. Is-soċjeta` intervenuta ħassitha (parzjalment) aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha.

4. **<u>L-aggravju tagħha</u>** jirrigwarda limitament il-kwantum tal-perċentwali tad-debilita` permanenti li addottat l-ewwel Qorti, u cioe` dak ta' **<u>6%.</u>**

5. Hija taċċenna għall-fatt illi l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha spjegat li fil-kors tal-kawża[2] kienet esprimiet li "*tinsab serjament preokkupata*" li l-perit mediku kkonstata diżabilita` permanenti ta' **15%** filwaqt li l-periti mediċi addizzjonali kkonstataw invece diżabilita` permanenti ta' **3%.** Is-soċjeta` appellanti ssostni li kienet din id-diskrepanza li wasslet lill-ewwel Qorti biex għolliet il-grad ta' diżabilita` permanenti li rriskontraw il-periti mediċi addizzjonali minn 3% għal 6%. Targumenta invece li tali diskrepanza bejn ir-rapporti tal-perit mediku u l-periti mediċi hija spjegabbli abbażi ta' diversi fatturi, bażikament :

- Illi meta l-periti mediċi addizzjonali eżaminaw lill-attur (fl-2008) laħaq kien hemm proċess naturali ta' <u>ameljorament</u> minn meta kien eżaminah il-perit mediku (fl-2006);

[2] vide verbal tat-23.03.2009, fol 125-126

- Illi għalkemm il-perit mediku kkonstata li d-debilita` kellha konsegwenzi serji fuq il-ħajja tal-attur, dan ma jirriżultax mill-provi, u adirittura l-attur innifsu xehed fis-sens li d-debilita` ma fixklitux fix-xogħol tiegħu jew fil-ħajja tiegħu ta' kuljum;

- Illi l-konklużjonijiet tal-perit mediku kienu bażati fuq evidenza soġġettiva (cioe` dak li ngħad lilu mill-attur stess) u mhux fuq evidenza oġġettiva (cioe` r-riżultanzi tat-testijiet, li ma wrew l-ebda evidenza ta' korriment iżda biss ta' artrite);

- Illi l-periti mediċi addizzjonali qiesu l-fatt li l-attur ibati mill-artrite u għamlu investigazzjoni akkurata u dettaljata dwar il-ġrieħi li ġarrab l-attur bħala riżultat dirett tal-inċident;

- Illi l-perit mediku invece naqas li jikkonsidra l-artrite fir-rata ta' debilita` minnu riskontrata.

6. Taċċenna wkoll għall-fatt li l-atturi fil-15 ta' Settembru 2008 intavolaw rikors fejn talbu r-rikuża u s-sostituzzjoni tal-perit Frederick Zammit Maempel minħabba dubju dwar l-imparzjalita` tiegħu (stante konsulenzi privati li jingħata mis-soċjeta` intervenuta), liema rikors ġie miċħud mill-ewwel Qorti fit-23 ta' Marzu 2009 meta rriteniet li *"raġunijiet*

*validi għar-rikuża ma hemmx".* Taċċenna wkoll għall-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 meta wara li d-difensur tas-soċjeta` intervenuta vverbalizzat li kemm l-espert Mr Massimo Abela u kif ukoll l-espert Mr Frederick Zammit Maempel ġieli ġew inkarigati mis-soċjeta` intervenuta biex jirrelatawlha u li hija tħallashom għal kull inkarigu, l-ewwel Qorti ddikjarat illi:

> "*Il-Qorti ma tħossx li għandha tiddubita l-kelma ta' Mr Massimo Abela u Mr Frederick Zammit Maempel".*

Is-soċjeta` intervenuta għalhekk tgħid li tħossha perplessa b'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kkummentat illi:

> "*Il-Qorti tħoss li espert meta jidħol għal biċċa xogħol bħal din, anke jekk ma jkunx eżamina l-każ partikolari għandu jsemmi jekk fl-aħħar ħames snin hu kienx ġie imqabbad minn xi parti fuq xogħol ieħor. Il-ġustizzja trid mhux biss issir iżda anke tidher li qed issir.*"

7. Is-soċjeta` intervenuta tissottometti illi jekk l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda dubju fil-periti mediċi addizzjonali minnha stess nominati, kif iddikjarat li ma kellhiex, ma kien hemm l-ebda fattur wieħed li jista' jiġġustifika l-allontament tagħha mill-konklużjonijiet tagħhom.

**Risposta tal-appell tal-atturi appellati** (10.03.2014)

8. L-atturi wieġbu biex jgħidu li s-sentenza għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

9. Fl-ewwel lok jissollevaw l-irritwalita`, l-improponibilita` u l-konsegwenti **<u>nullita` tal-appell</u>**. Jaċċennaw għall-fatt li l-konvenut Albert Schembri ma appellax mis-sentenza u għalhekk l-istess sentenza ġiet tagħmel stat fil-konfront tiegħu. Jargumentaw illi s-sentenza ġiet notifikata lis-soċjeta` intervenuta (s-soċjeta` assiguratriċi tal-konvenut) skont l-<u>Artikolu 10(1) tal-Kap 104</u> tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tagħha. Għaldaqstant isostnu li s-soċjeta` intervenuta ma setgħetx tintavola appell minn titolu eżekuttiv li huma diġa` għandhom fil-konfront tagħha. Iżidu jgħidu li <u>ma jeżistux l-elementi bażiċi tal-interess ġuridiku</u> fis-soċjeta` appellanti, stante li l-appell ma joffrilha l-ebda utilita`, ikun x'ikun l-eżitu tiegħu.

10. Fit-tieni lok, jaċċennaw għall-fatt li **tnejn** mit-tlett esperti addizzjonali (Mr Frederick Zammit Maempel u Mr Massimo Abelo) jaħdmu għas-soċjeta` intervenuta. Għalkemm jikkummentaw li "*dan l-episodju poġġa tebgħa kerha f'din il-kawża*", din il-kawża ħolqot "*preċedent*" biex dak li seħħ f'din il-kawża ma jerġax jirrepeti ruħu u jekk esperti maħtura mill-qorti jkunu qed jieħdu inkarigi minn xi parti fil-kawża dan għandhom jiddikjarawh mill-bidunett.

11. Fit-tielet lok jaċċennaw għall-fatt li l-perit mediku *ex parte* <u>Charles Grixti</u> u l-perit mediku <u>Ivan Esposito</u> taw rati ta' diżabilita` viċini għal xulxin (12% u 15% rispettivament). Huma jikkontestaw l-argument tas-soċjeta`

intervenuta illi l-rata tad-diżabilita` li taw l-esperti addizzjonali (3%) kienet minħabba meljorament fil-kundizzjoni tal-attur. Jagħmlu wkoll referenza għax-xiehda ta' Mr Ray Gatt, li fi kliemhom huwa l-uniku espert mediku "*li jissodisfa s-subjective test tal-imparzjalita*`" (għaliex kuntrarjament għal Mr Zammit Maempel u Mr Abela ma jaħdimx għas-soċjeta` intervenuta) u jaċċennaw (*inter alia*) għal dik il-parti tax-xiehda tiegħu fejn qal li fil-maġġor parti jaqbel ma dak li kkonkluda l-espert mediku Mr Esposito, u li għalkemm rapport ta' periti addizzjonali jinkiteb mill-leader jew chairman tal-grupp "*Neskludi li jiena kont leader.*"

12. Għal dawn ir-raġunijiet kollha jsostnu li l-appell tas-soċjeta` intervenuta għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>:**

**A. <u>Il-validita`/proponibilita` o meno tal-appell tas-soċjeta` intervenuta:</u>**

13. Din il-Qorti ser tibda' biex tikkonsidra l-kwistjoni tan-nullita`/ improponibilita` tal-appell tas-soċjeta` intervenuta li ġiet sollevata mill-atturi appellati. Kif fuq spjegat, l-atturi jargumentaw illi :

- ladarba <u>l-konvenut ma appellax mis-sentenza</u> u s-sentenza ġiet

notifikata lis-soċjeta` intervenuta (is-soċjeta` assiguratriċi tal-konvenut) ai termini tal-Art 10(1) tal-Kap 104 (*Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni*) mela allura huma diġa` għandhom titolu eżekuttiv fil-konfront tagħha;

- ma jeżistux l-elementi bażiċi tal-interess ġuridiku fis-soċjeta` intervenuta.

14. Ta' rilevanza sostanzjali għal din il-kwistjoni hija s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell Superjuri fit-8 ta' April 1960 fil-kawża fl-ismijiet "**Joseph Aquilina v. Paul Monreal**". Il-każ kien jirrigwarda inċident awtomobilistiku bejn żewġ muturi misjuqa mill-kontendenti. L-attur intavola l-kawża kontra l-konvenut għad-danni li huwa sofra bħala riżultat tal-inċident, li skont hu kien jaħti unikament għalih il-konvenut. L-ewwel Qorti laqgħet it-talba tiegħu. Il-konvenut intavola appell għalkemm imbagħad ma kompliehx. Is-soċjeta` assiguratriċi ta' Paul Monreal ipprevalixxiet ruħha mill-appell tal-konvenut u appellat bħala terz interessat (stante li ai termini tal-Kap 165, illum Kap 104, kellha tħallas id-danni hi). Hija sostniet li l-attur kien ukoll ikkontribwixxa għall-inċident u konsegwentement talbet li s-somma likwidata in linea ta' danni tiġi ridotta. Il-qorti rriteniet u insenjat is-segwenti (enfasi ta' din il-Qorti):

"*L-appellant Attard nomine*[3] *ġieb 'il quddiem dan l-appell bħala*

[3] Michael Attard Ltd, rappreżentanta f'Malta ta' "Car & General Insurance Co. Ltd"

*terz interessat, in bażi għall-Artikolu 234*[4] *tal-Liġijiet Proċedurali (Kap 15 Ed. Riv). Ix-xiehda ta' Cassar Parnis, fol 78, tassoda dan l-interess, inkwantokke` jirriżulta minnha li l-konvenut Monreal kien assikurat mal-kumpanija appellanti b' Act Policy, u r-riskju assikurat huwa dak ta' indennizz pagabbli legalment "in respect to death or bodily injury to any person". Din il-kumpanija kif inhu ammess fil-petizzjoni tal-appell, ġiet debitament informata bl-azzjoni tal-attur b'ittra uffiċċjali tal-ewwel ta' April 1957 għall-finijiet tal-Art 10(2) (a) Kap 165 Ediz. Riv.* ***Dan il-fatt ikompli jassoda l-interess tal-kumpanija li tinterponi appell taħt l-Aritkolu 234 fuq imsemmi; għaliex bħala effett ta' dik l-intima, s-sentenza ssir operattiva fil-konfront tagħha fit-termini tal-Art. 10 fuq ċitat; u għalhekk il-kumpannija, in vista tar-responsabbilta` tagħha, għandha l-interess, li jekk jidhrilha, timpunja s-sentenza;***

"*Ikkunsidrat;*

"*Proċeduralment hemm żewġ riljevi li jixraq li jsiru. L-ewwel, illi ma hix eżatta d-dikjarazzjoni tal-kumpannija appellanti li hi qegħda tipprevalixxi ruħha min-nota tal-appell li kien għamel il-konvenut fit-22 ta' Diċembru 1959, għaliex proprjament dak id-dritt li wieħed jipprevalixxi ruħu minn skrittura ta' litigant ieħor hu riservat għall-parti 'avversa',* ***mentri l-kumpanija appellanti għandha l-istess interess tal-konvenut Monreal li għamel in-nota*** *(Kollez. Vol. VI, p 175).* ***Del resto il-kumpannija għamlet in-nota tal-appell tagħha fi żmien utli, u għalhekk m'hemmx bżonn li hi tipprevalixxi ruħha minn dik tal-konvenut Monreal****. It-tieni, malament il-konvenut Monreal, fir-risposta tiegħu fol 76 jgħid li hu jirrimetti ruħu għall-eċċezzjonijiet sottomessi quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza ("ipsis verbis"). Hu infatti għad li ppreżenta n-nota tal-appell fol 68, imbagħad ma kompliex l-appell; u għalhekk għandu jitqies akkwijexxenti għas-sentenza appellata (App. 'Spiteri vs AIC Vassallo'. 2.XII.'57; ara wkoll Kollez. Vol. II, 7; Vol. IV, 240; Vol. V, 46); u per konsegwenza ma jistax jiġi mismugħ jeleva l-kontestazzjoni kontenuta fin-nota tal-eċċezzjonijiet fol. 5;*"

15. Din l-Qorti taqbel mal-pożizzjoni addottata fis-sentenza suċitata: u cioe` li s-soċjeta` assiguratriċi li ai termini tal-Kap 104 hija obbligata tħallas is-somma flus lit-"terza persuna" li favurha tkun ingħatat is-sentenza, għandha interess (ġuridiku) tappella kontra l-imsemmija

[4] Illum Art 236 tal-Kap 12

sentenza. L-interess tagħha huwa wieħed dirett, leġittimu u attwali għaliex wara kollox hija dik il-persuna li ser ikollha tħallas lill-attur kwalisiasi somma li tiġi likwidata f'każ li jirriżulta li għall-inċident awtomobilistiku huwa responsabbli l-konvenut li huwa assigurat magħha. Irrispettivament minn jekk tali soċjeta` assiguratriċi kinitx ukoll interveniet fil-kawża, hija għandha dritt tappella mis-sentenza bħala terz interessat. In oltre, tali dritt ta' appell jeżisti indipendentement minn jekk appella jew ma appellax il-konvenut. Veru li n-notifika tas-sentenza da parti tal-atturi lis-soċjeta` assiguratriċi skont l-Artikolu 10(1) tal-Kap 104 tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra l-istess soċjeta` assiguratriċi, iżda l-Artikolu 10(2) jipprovdi li l-ebda somma m'għandha titħallas mill-assiguratur b'effett ta' sentenza "*sakemm l-esekuzzjoni tagħha tibqa' sospiża sakemm jinqata' l-appell".* Dan qed jingħad għaliex skont il-verbal tat-3 ta' April 2017 (fol 331) "Is-soċjeta` appellanti ħallset dak dovut lill-appellati Borg skont is-sentenza appellata".

16. Huwa utili li ssir ukoll riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-28 ta' April 2004 fil-kawża fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies noe et v. Simon Tabone"** (li fil-fatt tagħmel riferenza għas-sentenza **Aquilina v. Monreal** appena ċitata minn din il-Qorti u tissottolineja d-differenzi taċ-ċirkostanzi bejn każ u ieħor.) **F'Fogg noe et v. Tabone**, is-soċjeta` assiguratriċi tal-vettura misjuqa mill-konvenut kienet talbet li tintervjeni fil-kawża permezz ta' rikors, liema

rikors baqa' ma ġiex dekretat. Il-konvenut ammetta t-talba (cioe` li kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku) u l-ewwel Qorti laqgħet it-talba attriċi u ddikjarat lill-konvenut bħala unikament responsabbli għal-inċident u għad-danni konsegwenzjali. Is-soċjeta` assiguratriċi appellat mis-sentenza: l-aggravju tagħha konsistenti fil-fatt li l-ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza mingħajr ma ddeċidiet fuq ir-rikors sabiex tiġi ammessa *in statu et terminis*. Hija sostniet, dejjem fuq l-istess tema, li qua assiguratriċi tal-vettura misjuqa mill-konvenut u in vista li ġiet debitament notifikata skont il-Kap 104 hija kellha interess fil-kawża, billi setgħet tiġi esegwita direttament fil-konfront tagħha.

17. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri pero` osservat li s-soċjeta` assiguratriċi ma kinitx qed tikkontesta r-responsabbilta` għall-inċident (u lanqas ma jirriżulta li kienet qed tikkontesta l-kwantum tad-danni). Jidher li l-argument tas-soċjeta` assiguratriċi kien jirrigwarda l-fatt li l-polza tal-assigurazzjoni kellha restrizzjoni relattiva għall-eta` ta' min ikun qed isuq il-vettura. Il-Qorti pero` rriteniet li s-soċjeta` assiguratriċi xorta waħda kienet obbligata tindennizza lit-terz danneġġjat għall-ħsarat (ai termini tal-Artikolu 12(1) tal-Kap 104) u li se mai kellha dritt ta' rivalsa kontra l-persuna assigurata. Għalhekk irriteniet li l-pożizzjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża **Aquilina v. Monreal** (fejn qalet li s-soċjeta` assiguratriċi tal-konvenut kellha interess biex tappella) ma kinitx applikabbli għall-każ. Enfasizzat li apparti l-fatt li r-restrizzjoni fil-polza ta'

"*l-eta` ta' min ikun qed isuq il-vettura"* ma kinitx statutorjament prevista taħt l-Artikolu 12(1) fiż-żmien tal-każ **Aquilina v. Monreal**[5], is-soċjeta` assiguratriċi fil-każ **Aquililina v. Monreal** kienet qed tikkontesta r-responsabbilta` għall-inċident, mhux bħal fil-każ li kellha quddiemha (**Fogg noe et v. Tabone**), fejn kif ingħad, il-kwistjoni kienet tirrigwarda r-restrizzjoni fuq il-polza. Skont l-Artikolu 12(1) ir-restrizzjonijiet fil-polza elenkati fl-istess Artikolu 12(1) m'għandhom l-ebda effett fir-rigward tar-responsabbiltajiet li għandhom ikunu koperti mill-polza taħt l-Artikolu 4(1) b'dan li kull somma mħallsa mill-assiguratur biex tiġi sodisfatta r-responsabbilta` ta' persuna koperta bil-polza, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-fatt issottolineat li l-interess li kellha s-soċjeta` assiguratriċi kien biss wieħed *ex post facto* għall-ħlas tar-riżarċiment fil-konfront tal-konvenut (abbażi tar-restrizzjoni fuq il-polza) u għalhekk ma kellhiex l-**interess ġuridiku** neċessarju biex tintervjeni fil-kawża jew tappella mis-sentenza.

> "... ***is-socjeta` assikuratrici hija obbligata li tindennizza lit-terz danneggjat ghall-hsarat sofferti u dan nonostante kwalunkwe restrizzjoni fil-polza tal-assikurazzjoni relattiva "ghall-eta` ta' min ikun qed isuq il-vettura" subparagrafu (f) ta' l-Artikolu 12(1). Ir-rimedju akkordat mil-ligi lis-socjeta` assikuratrici hu biss wiehed ta' rivalsa kontra l-persuna assigurata***.
>
> "*Din is-sitwazzjoni ma kienetx statutorjament prevvista taht il-Kap 165 kif kien qabel ma nbidel u sar il-Kap 104 attwali u allura s-sentenza fuq accennata tat-8 ta' April 1960 in re "**Aquilina –vs- Monreal**" trid tinqara fil-parametri tal-ligi kif kienet dakinhar. Dippju f'dak il-kaz ir-raguni avvanzata kienet ghal kollox distinta minn dik tal-kaz prezenti billi hemm is-socjeta` assikuratrici riedet tikkontesta r-responsabilita` ghall-kollizjoni, dak li mhux qed jintalab fl-appell odjern mis-socjeta`*

[5] Ir-restrizzjoni ta' "***L-eta' ta' min ikun qed isuq il-vettura***" iddaħħlet fl-Artikolu 12(1) permezz tal-Att XLI (1986)

*appellanti.*

"***Rigwardata allura l-kwestjoni mill-ottika tal-istat attwali tal-ligi fil-Kap 104 hu car illi s-socjeta` appellanti m'ghandhiex dak l-interess attwali sabiex tiggustifika l-appell taghha. Dan ghaliex hi m'ghandhiex interess dirett fil-kreditu li s-socjetajiet appellati ghandhom fil-konfront tal-konvenut. Imbaghad lanqas ma tezisti fl-istat prezenti l-ebda vjolazzjoni attwali jew theddida ta' vjolazzjoni attwali tad-dritt kompetenti mis-socjeta` appellanti. Dritt li hu konservat u mhares lilha mil-ligi entro parametri ben definiti.***

"*Tajjeb li nigi notat f'dan il-kuntest illi l-interess merament ipotetiku ma huwiex accettabbli in kwantu ma humiex ammissibbli rikonjizzjoni ta' drittijiet jew kundanni preventivi 'ad futurum'. Tghodd fir-rigward l-osservazzjoni denotata fis-sentenza fl-ismijiet "Conte. Paolo Camilleri – vs- Negte. Rosario Denaro et", Qorti Kummerc, 8 ta' April 1884 a Vol X pagna 446.*

"*Jonqos allura fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti l-interess reali u attwali fis-socjeta` appellanti biex tipproponi l-appell minnha ntavolat. Minn dak dezunt mill-Kap 104 huwa ovvju illi l-Qorti ma tistax tittrattjeni talba li tippermetti lis-socjeta` appellanti biex, kif jinghad minnha, l-kundanna mposta fuq il-konvenut fis-sentenza appellata ma tkunx tista' tigi rizarcita direttament minnha.* ***Anke jekk talvolta s-socjeta` appellanti ghandha raguni serja u valida biex il-polza ma tirrispondiex fil-kuntest minnha prospettat din l-istess raguni, kif fuq manifest skond it-test tal-ligi, ma tistax tarresta d-dritt tat-terz danneggjat.***

"*Huwa mbaghad ukoll evidenti hafna illi fuq il-bazi tal-istess kontenzjoni sostenuta minnha, u l-Qorti tenfasizza dan l-aspett partikolari f'dan il-kaz, l-istess socjeta` appellanti ma setghetx lanqas tissodisfa lill-Qorti li kellha "interess" tintervjeni fil-gudizzju a norma tal-Artikolu 960 tal-Kap 12 billi din ma setghetx, fuq dik il-bazi, tiddemostra interess sostanzjali u reali, imma biss interess derivattiv fl-ezitu. Interess li l-ligi specjali (Kap 104) tirrizervalha biss 'ex post facto' l-hlas tar-rizarciment u fil-konfront tal-persuna assigurata.* ***(enfasi ta' din il-Qorti)***".

18. Jiġi enfasizzat li fil-każ odjern is-soċjeta` appellanti Elmo Insurance Ltd qed tappella fuq il-<u>kwantum tal-grad tad-diżabilita` tal-attur</u>, fattur li jaffettwa s-somma li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas, u li effettivament hija esegwibbli kontriha, u allura jirriżulta li għandha interess dirett, leġittimu u attwali, biex tintavola l-appell. (L-interess tas-soċjeta`

assigurattriċi fil-każ **Fogg noe et v. Tabone**, invece, ma kienx hekk dirett, leġittimu u attwali, iżda kien jirrigwarda l-ħlas tar-risarċiment mingħand il-konvenut abbażi tar-restrizzjoni fil-polza.)

19. Stabbilit għalhekk li l-appell odjern tas-soċjeta` assiguratriċi Elmo Insurance Ltd mhux improponibbli jew null, din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravju tagħha rigwardanti r-rata ta' diżabilita` ta' 6% addottata mill-ewwel Qorti.

**B: Ir-rata ta' diżabilita` ta' 6%: eċċessiva jew le?**

20. L-attur ġie eżaminat minn ħames esperti mediċi:

- Il-perit *ex parte* Mr Charles Grixti li kkonkluda li d-diżabilita` fiżika tal-attur hija ta' **12%;**

- Il-perit nominat mill-qorti Mr Ivan Esposito, li kkonkluda li d-diżabilita` fiżika tal-attur hija ta' **15%**; u

- It-tliet periti addizzjonali nominati mill-qorti, Mr Frederick Zammit Maempel, Mr Massimo Abela u Mr Ray Gatt li kkonkludew li d-diżabilita` fiżika tal-attur hija ta' **3%**.

21. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet li qrat ripetutament dak li kitbu l-esperti u li rriflettiet fit-tul fuq il-konsegwenzi ta' alterazzjoni tar-rapport ta' esperti mediċi addizzjonali, iżda stqarret li ma setgħetx sempliċiment toqgħod fuq l-aħħar rapport u "*tinjora qisu xejn"* liż-żewġ esperti l-oħra. Ikkonsidrat ukoll li l-obbligu tal-astenzjonijiet u t-talbet tar-rikuża għandhom isiru fil-bidu tal-kawża jew nomina. Qieset li l-esperti "*mhux qegħdin jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom tant fuq kriterji oġġettivi, iżda fuq konsiderazzjonijiet totalment soġġettivi u dipendenti fuq id-diskrezzjoni tal-esperti mediku, li ma jistgħux jiġu kkontrollati."* Wara li għamlet konsiderazzjonijiet bażati anke fuq prinċipji ta' statistika u matematika, ħasset li kellha tapplika bħala grad ta' diżabilita` fiżika permanenti globali dak ta' **6%.**

22. In vista tal-aggravju tas-soċjeta` appellanti, din il-Qorti fliet bir-reqqa t-tliet rapporti mediċi:

*(i)* ***Ir-rapport tal-perit ex parte Mr Charles Grixti[6] (12%)***

(*Data tal-eżami: 08.10.2001, 01.11.2001, 08.01.2002, 04.02.2002)*

Mr Grixti rrapporta li l-attur kien qed jilmenta "*of pain in the right side of the shoulder radiating to the right arm. He is unable to sleep on his side.*

[6] Fol 9 et seq

*His pain is interfering with his work as a TV producer as he has to spend long hours in front of a monitor eo edit programs."*

Huwa mill-eżami kkonstata li "*the cervical spine was held relatively stiff, there was a fair range of movement with pain on extremes of movement and with limitation of rotation to the right……The right shoulder had a normal contour. There was limitation of movement with flexion to 70° abduction to 80° and with limitation of rotation. External rotation caused a lot of pain. He was tender over the long head of biceps tendon*."

Huwa osserva li mit-testijiet radjoloġiċi li saru fuq is-"*cervical spine*" ma rriżultax li kellu ksur, u rriżulta li kellu "*spondylosis"* u "*spondylo-arthrosis*" fl-irkiekel C4 sa C6.

Qal li fl-opinjoni tiegħu bħala riżultat dirett tal-inċident l-attur sofra minn "*flextion injury to his neck*" bil-konsegwenza ta "*a nerve root irritation to the right and in a tendinitis to the lond head of biceps tendon in the right shoulder*."

Qal li s-sintomi ippersistew minkejja t-trattament u "*This is likely to be the pattern in the future especially if Mr Borg spends a long time with his neck bent or extended. He will have similar problems if he attempts to reach*

*up or out for things. Similarly he has to restrain himself from lifting heavy objects."*

*(ii)* ***<u>Ir-rapport tal-perit tal-qorti Mr Ivan Esposito[7] (15%)</u>***

*(Data tal-eżami 28.11.2006)*

Mr Esposito rraporta li l-attur kien qed jilmenta minn "*uġigħ fl-għonq, uġigħ li mill-għonq jinżel għad-driegħ tal-lemin, tnemnim fis-swaba tax-xellug, problemi biex jorqod minħabba l-uġigħ, jieħu pilloli kontra l-uġigħ regolarment*."

Mill-eżami li għamillu kkonstata li l-attur ħass uġigħ meta misslu r-rukkelli C4-Th1, Th12-L5, u l-għerq tal-biceps tal-lemin. Osserva li l-movimenti fl-għonq u d-dirgħajn huma ristretti u jikkaġunaw uġigħ.

Huwa qies li t-testijiet radjoloġiċi li sarulu fl-2001 (fiż-żmien tal-inċident) ma jurux ksur/korriment, iżda juru evidenza ta' artrite fil-jogi ta' wara r-rukkelli ta' C4-C6.

Huwa kkonkluda li bħala riżultat tal-inċident l-attur sofra "*<u>hyperflexion/extension injury tal-għonq</u>*" u li sa meta invistah kien għadu

[7] Fol 103 et seq

jbati l-konsegwenzi. Ikkonkluda li beda jsofri wkoll minn tendinite fl-ispalla tal-lemin li ma tjibitx minkejja t-trattament. Żied jgħid li "*Is-sintomi li qed iħoss minn għonqu qed jikkaġunaw kompressjoni fuq nerv li jinżel fid-driegħ tal-lemin. Dan kellu konsegwenzi serji fil-ħajja ta' kuljum tas-sur Borg. Huwa ma jistax iqatta' ħinijiet twal f'pożizzjoni waħda kemm bil-wieqfa jew bil-qegħda. Għalhekk xogħlu bħala prodjuser ta' programm fuq it-television.* ***(sic)*** *Apparti hekk għandu wkoll problemi biex jagħmel attivitajiet ta' kuljum. Għandu problemi biex jorqod u jużа sa erba' mħadded. Studji li saru juru li f'każi bħal dawn wara ħmistax-il sena aktar minn erbgħin fil-mija (40%) ta' pazjenti jibqgħu isofru minn sintomi (Bannister & Gargan).*" Huwa in vista ta' dan kollu qal li kien tal-opinjoni li l-attur għandu diżabilita` permanenti ta' 15%.

*(iii)* ***Ir-rapport tal-periti addizzjonali[8] (3%)***

*(Data tal-eżami: 03.09.2008)*

Il-periti rraportaw li l-attur kien ilmenta li bħala riżultat tal-inċident baqa' jħoss "*1. Uġigħ f'ġenb jew ieħor t'għonqu, li jħossu biss meta jgħajja per eżempju meta jsuq sagħtejn jew tlieta, jew wara ġurnata ta' xogħol. Bil-lejl dan l-uġigħ spiss iqajmu. Qalilna li dan l-uġigħ ma jmur imkien minn għonqu, cioe` ma jirradjax għal bnadi oħra ta' ġismu u lanqas ma jħoss xi*

[8] Fol 162 et seq

*tnemnim meta juġgħu għonqu. 2. Uġigħ tul dahru kollu meta jgħajja. Dan l-uġigħ jiżdied mal-mixi u meta jintlewa iżda mhux effettwat meta jisgħol jew jagħtas."*

Mill-eżami li għamlulu kkonstataw li l-moviment f'għonqu kien ristrett bin-nofs, u dan f'kull direzzjoni għaliex fil-limitu ta' kull moviment ġie preċipitat uġigħ fil-muskolu trapezius tan-naħa l-oħra. Żiedu jgħidu pero` li "*aħna nnutajna ukoll li waqt ħin ieħor tal-eżami meta kien aljenat u kien qiegħed isir l-eżami ta' parti oħra, Borg ħarrek għonqu bla restrizzjoni jew limitazzjoni*."

Osservaw li l-attur ħass uġigħ (tenderness) meta missew fuq kull rukkell minn T2 sa C1, inkluż l-iskutella ta' rasu, fuq il-muskoli supraskaplari u trapezius taż-żewġ naħat. Osservaw ukoll li l-attur ħass uġigħ meta għolla d-dirgħajn 'il barra (abduction) jew 'il quddiem (flexion).

Osservaw ukoll li ħass uġigħ (tenderness) meta missew l-irkiekel bejn T8 u S3 (ix-xewka ta' dahru), meta missew il-muskoli fuq iż-żewġ naħat tax-xewka fuq l-istess medda u s-*sacroiliac triangle* tal-lemin.

Huma qiesu t-testijiet radjoloġiċi li sarulu fl-2001 u kkonstataw li ma kien hemm l-ebda ksur pero osservaw li kellu artrite qawwija tul l-irkiekel tal-għonq u wkoll "*degenerative disc disease*" fil-livelli C3/4, 4/5, 5/6, u 6/7.

<u>Huma aċċennaw għall-fatt li l-attur kellu artrite qawwija f'għonqu qabel l-inċident</u>. Għalkemm ikkonstataw li kellu uġigħ fuq l-ewwel disa' rkiekel u fuq l-aħħar tlettax-il rukkell, u wera nuqqas ta' ħass b'tajjara fid-driegħ tal-lemin fid-distribuzzjoni ta' tliet "dermatones" u fi tnejn tar-riġel tal-lemin, ikkummentaw illi "*din il-pluralita` ta' uġigħ fl-irkiekel u fid-dermatones tissuġġerixxi kontribut soġġettiv*." Qalu li l-eżami kliniku ftit li xejn wera xhieda oġġettiva ta' nuqqas ta' funzjoni. Qalu li kienu tal-fehma li s-sintomi li jilmenta minnhom l-attur "*huma prinċipalment dovuti għall-artrite qawwija f'għonqu*" u li "*l-iskoss qawwi li ġarrab seta' biss jawmenta l-istess artrite (li kienet diġa teżisti) u sintomi relatati magħha*."

Huma għalhekk ikkonkludew li r-rata ta' diżabilita` li l-attur sofra bħala riżultat tal-inċident huwa ta' 3%.

23. Qabel xejn, din il-Qorti jidhrilha li hu opportun tikkummenta dwar il-kwistjoni li nqalgħet fil-mori tal-kawża fir-rigward tal-fatt li tnejn mill-periti addizzjonali (Mr Frederick Zammit Maempel u Mr Massimo Abela) ġieli ħadmu fuq inkarigu tas-soċjeta` appellanti. <u>F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 diġa` ddikjarat li ma kellhiex għalfejn tiddubita mill-kelma tagħhom</u>. Għalhekk għalkemm fis-sentenza kkummentat li l-ġustizzja trid mhux biss issir iżda wkoll tidher li qed issir, u li hija tal-fehma li meta espert li jkun nominat mill-qorti għandu jiddikjara

jekk fl-aħħar ħames snin kienx tqabbad minn xi parti fuq xogħol ieħor, dan m'għandux jitqies bħala xi dubju fuq l-integrita` tar-rapport tal-periti.

24. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa x-xiehda tal-attur innifsu. Fl-affidavit tiegħu (datat 28 ta' Jannar 2005) huwa qal li baqa' ma rkuprax mill-korriment li sofra u baqa' jbati minn uġigħ qawwi u kroniku li kultant ikun insapportabbli. Xehed li mill-inċident baqa' qatt ma raqad sew minħabba l-uġigħ u li jieħu l-*painkillers* kuljum. Qal li meta jmur għall-fiżjoterapija jħossu aħjar. Kontro-eżaminat (fil-15 ta' Mejju 2006) qal li jeskludi li qabel l-inċident kellu problemi f'dahru u li kellu bżonn xi kura tat-tobba.

25. Kuntrarjament, għalhekk, għal dak li ssostni s-soċjeta` appellanti, mhux minnu li l-attur xehed fis-sens li d-debilita` li sofra ma fixklitux fix-xogħol tiegħu jew fil-ħajja ta' kuljum. Huwa invece qal li baqa' jbati minn uġigħ kroniku li jimmaniġġja bil-*painkillers* u bil-fiżjoterapija, u li qatt ma reġa' raqad tajjeb mill-inċident 'il quddiem.

26. Din il-Qorti pero` qieset ukoll li, kif tajjeb ikkummentat l-ewwel Qorti, il-konklużjonijiet tal-esperti huma (neċessarjament, minħabba n-natura tad-diżabilita` lamentata mill-attur) msejsa fuq konsiderazzjonijiet soġġettivi u mhux oġġettivi, cioe` huma bbażati fuq dak li qalilhom li kien qed iħoss l-attur. Fil-fatt, xi ftit jew wisq, huwa mistenni li l-persuna li tkun għamlet azzjoni bħal ma hija din odjerna tesaġera s-sintomi li tkun qed

tħoss. Kif anke kellha l-opportunita` din il-Qorti tikkummenta fis-sentenza tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet "**<u>Francis Abela et v. Carmel Spiteri et</u>**" :

> "*…dejjem se jkun hemm xi ftit tal-element tad-dubju fir-rigward tal-veraċita` ta' dak li jkun qed jgħid il-pazjent. Xi ftit jew wisq hemm it-tendenza li l-affarijiet jiġu esaġerati da parti tal-pazjent li jaf ben tajjeb li iktar ma r-rata tad-diżabilita` tkun kbira iktar għandu ċans li jagħmel gwadann finanzjarju.*"

27. Jidher li l-attur odjern ukoll ittanta jkabbar xi ftit is-sitwazzjoni. Fil-fatt <u>Mr Frederick Zammit Maempel</u>, wieħed mill-periti addizzjonali, fix-xiehda tiegħu tad-9 ta' Marzu 2012 aċċenna għall-fatt li meta kienu qegħdin jeżaminawlu għonqu, u allura l-attur kien qed jikkonċentra fuq għonqu, ħallihom idawwruh biss sa 30° (fejn in-normal huwa 65°) filwaqt li meta kienu qed jeżaminawlu parti oħra (u cioe` kien aljenat) it-tlieta li huma (inkluż Mr Ray Borg) innutaw li kien ċaqlaq għonqu iżjed minn qabel, *"…ovvjament jiena ninnota illi għonqok issa qed tħarrku ħafna iktar milli ħallejtni…."* Dan il-fatt, kif fuq spjegat, tniżżel fir-rapport tagħhom fejn ġie indikat li "*ħarrek għonqu bla restrizzjoni jew limitazzjoni*". Kompla jispjega illi r-rapport ikun ġie bbażat fuq diskussjonijiet li jkunu għamlu t-tliet periti wara li l-pazjent ikun telaq mill-kamra "*u għalhekk, ovvjament, li dan il-punt kien ġie diskuss*".

28. Dwar dan il-punt, <u>Mr Ray Borg</u>, fix-xiehda tiegħu tad-19 ta' Novembru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju xehed li "*ma jiftakarx*" jekk huwa personalment rax lill-attur "*iħarrek għonqu bla restrizzjoni*" kif

ġie ndikat fir-rapport tal-periti perizjuri. Pero` qal li "*kieku ħarrek għonqu sa 50% ngħid li probabbli ma konniex nużaw il-kliem 'bla restrizzjoni'".*

29. Dr Frederick Zammit Maempel, mistoqsi kif jista' jispjega d-diskrepanza fil-figuri bejn ir-rapport tal-periti addizzjonali u dak taż-żewġ periti l-oħra qal li hemm diversi raġunijiet, iżda qal li ħafna drabi d-differenza tkun dovuta għat-trapass taż-żmien u cioe` l-pazjent ikun mar 'il quddiem. Madanakollu din il-Qorti tosserva li fit-tliet rapporti ġew indikati bejn wieħed u ieħor l-istess sintomi u uġigħ, u għalhekk jidher li d-differenza kienet iktar kwistjoni ta' opinjoni u ta' interpretazzjoni. Minn naħa waħda l-espert *ex parte* u l-espert tal-qorti (minkejja li kkonstataw li l-attur diġa` kellu artrite sostanzjali) it-tnejn ikkonkludew li l-inċident ikaġuna ***flexion injury*** **fl-għonq u tendinite**, filwaqt li l-esperti addizzjonali nsistew li l-uġigħ lamentat mill-attur huwa **prinċipalment dovut għall-artrite,** u li l-inċident seta' biss awmenta l-artrite u s-sintomi tagħha.

30. Meqjusa dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel Qorti u jidhrilha li l-applikazzjoni tal-persentaġġ ta' **6%** huwa wieħed ġust u ekwu u dan anke jekk wieħed jieħu in kont it-tendenza ta' pazjent f'każijiet bħal dawn li jesaġera xi ftit l-uġigħ, kif fuq spjegat. Ma jirriżultax li qabel l-inċident l-attur kien qed isofri minn xi uġigħ f'għonqu bħala riżultat tal-artrite, u allura

anke jekk, kif qed jgħidu l-periti addizzjonali, l-inċident "*seta' biss*" awmenta l-artrite u s-sintomi tagħha (u mhux ikkaġuna "injury" *per se* kif isostnu l-ewwel żewġ esperti) xorta jibqa' l-fatt li l-attur **beda jsofri l-uġigħ bħala konsegwenza tal-inċident.**

**<u>Deċide</u>**

31. Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell tas-soċjeta` appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata.

32. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess soċjeta` appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm